# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 57**

**Rikors numru 93/15/1 LM**

**Angelo Saliba, Vincent Saliba, Lorenza *sive* Lorna Curmi, Mary Caruana, Antonella Montford, Lorraine Saliba, Saviour *sive* Sammy Saliba, Astrid Zahra, u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2016 saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna ta' Lawrence Saliba, Giuseppe Saliba u George Saliba minflok il-parti l-mejta Angelo Saliba**

**v.**

**Josephine Saliba**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-imħarrka Josephine Saliba minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru, 2017, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi u filwaqt li sabet li l-

mejta Josephine Camilleri ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, ħassret l-imsemmi testment u ordnat lill-istess imħarrka sabiex, fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza, tgħaddi f'idejn l-atturi sehemhom mill-assi ereditarji kollha tal-mejta Josephine Camilleri, u fin-nuqqas tħallas lill-istess atturi l-valur ekwivalenti ta' sehemhom mill-istess assi ereditarji, bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 588 jiddefinixxi it-testment bil-mod kif ġej:*
>
> > *"It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista' jiġi mħassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-liġi, tiddisponi, għaż-żmien ta' wara mewtha, mill-ħwejjeġ tagħha kollha jew minn biċċa minnhom."*
>
> *F'sentenza studjata fl-ismijiet Carmen Micallef et vs. Madalena Galea et,*[1] *jingħata rendikont iddettaljat ta' kif il-Qrati tagħna żviluppaw il-kunċett ta' impunjazzjoni ta' testament minħabba n-nuqqas tal-kapaċità mentali tattestatur jew testatriċi:*
>
> *... omissis...*
>
> *Tenut kont ta' din ir-rassenja ġurisprudenzjali, il-Qorti tislet minnha dawn ir-regoli li ġejjin li għandhom japplikaw għall-każ odjern:*
>
> > *1. Il-kapaċità testamentarja hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni; għalhekk l-inkapaċità jekk ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie ppruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testment ma jistax jiġi mħassar. Biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi;*

[1] P.A. (CFS), 10.04.2013 konfermata mill-Q.A., 26.05.2017.

*2. Meta testatur jagħmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u valur tal-proprjetà li qiegħed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, ħbieb u nies li ħaqqhom jibbenefikaw mill-proprjetà tiegħu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li għandu jħalli lil kull wieħed u waħda minnhom;*

*3. It-testatur irid ikollu l-intellett u l-volontà li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jeżerċitaw in-nies ta' madwaru u l-kapaċità li jilħaq intenzjonijiet speċifiċi. Ir-razzjonalità tal-kontenut tat-testment mhijiex biżżejjed biex juri li hemm kapaċità testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalità spiss twassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux sound mind;*

*4. Biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie" (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin tal-4 ta' Frar, 1871).*

*5. Li a tenur tal-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 kif emendat bl-Att II.2012.15, huma inkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li għalkemm mhux interdetti ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment. L-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 ġie emendat fl-2012 fis-sens li minflok il-kliem "ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment" kien daħħal il-kliem "jkunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment." L-għan ta' din l-emenda u ta' emendi oħrajn fl-Att II tal-2012 kien li jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma materji dwar id-diżabilità. Dan sabiex kien possibbli għal Malta li tirratifika l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. L-Att II tal-2012 isaħħaħ il-qafas leġiżlattiv li japplika għal persuni b'diżabilità sabiex dan isir aktar rilevanti għas-sitwazzjoni li jinsabu fiha llum il-persuni b'diżabilità.[2] Wara l-emenda bl-Att II.2012.15 mhuwiex aktar meħtieġ li biex persuna titqies li hi inkapaċi li tiddisponi b'testment li jiġi ppruvat mill-atturi li għalkemm ma kinitx interdetta, ma kinitx f'sensiha fiż-żmien tat-testment. Huwa biżżejjed li l-atturi jippruvaw li t-testatriċi kienet qed tbati minn diżordni mentali jew minn kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li jsir it-testment tal-imsemmi. Għall-finijiet tal-imsemmi artikolu lanqas mhuwa meħtieġ li t-testatriċi tkun qiegħda ssofri minn xi diżordni mentali, imma huwa biżżejjed jekk ikollha xi kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha fil-ħin li jsir it-testment.*

[2] "Għanijiet u Raġunijiet - Abbozz ta' Liġi imsejjaħ Att biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Materji dwar id-Diżabilità" - Abbozz 85 tal-2011.

*Għad illi Josephine Camilleri kienet ġiet ċertifikata mill-psikjatra Joseph Vella Baldacchino li ma kellha l-ebda marda psikjatrika li timpedixxi l-funzjoni konjittiva (cognitive function) tagħha u li fl-opinjoni tiegħu Josephine Camilleri kellha kapaċità testamentarja sħiħa, Dr Vella Baldacchino meta xehed f'dawn il-proċeduri ma ftakar xejn dwar l-eżami psikjatriku li kien għamel lil Josephine Camilleri u barra minn hekk ma kien żamm ebda notamenti li seta' jagħmel riferiment għalihom biex jixhed fuq liema bażi kien wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Ġaladarba meta kien fil-pedana tax-xhieda Dr Joseph Vella Baldacchino ma seta' jiftakar xejn dwar l-eżami psikjatriku li kien għamel lil Josephine Camilleri, allura ma setax jgħid jekk it-testatriċi kellhiex xi kundizzjoni li tagħmilha inkapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li sar it-testment. Il-psikjatara Joseph Vella Baldacchino għal raġunijiet ovvji ma setax ikun jaf li fil-mument li kien qiegħed jirrilaxxja ċ-ċertifikat tiegħu, Josephine Camilleri ma kellhiex idea ta' x'qed jiġri minn flusha u li Josephine Saliba bi prokura mogħtija lilha minn Josephine Camilleri biex tkun tista' ssarfilha l-pensjoni, kienet qed tiżbanka eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji ta' Camilleri permezz ta' bosta withdrawals ta' €600 kuljum mill-ATMs. Dr Vella Baldacchino lanqas seta' jkun jaf li proprju dakinhar li huwa rrilaxxja ċċertifikat mediku lil Josephine Camilleri, is-sezzjoni tal-frodi tal-HSBC kienet wasslet għall-konklużjoni li minħabba transazzjonijiet suspettużi da parti tal-konvenuta, kien waqqafha milli tkompli tiżbanka flus mill-kontijiet bankarji ta' Josephine Camilleri, ħlief għal ammonti raġonevoli meħtieġa biex l-anzjana tkun tista' tgħix. Josephine Camilleri ma segħtetx tinforma lill-psikjatra b'dakollu għax ma kinitx taf x'qiegħed jiġri bi flusha u Josephine Saliba ovvjament ma kinitx ser tgħid lill-psikjatra bit-transazzjonijiet suspettużi li kienet qed tagħmel mill-kontijiet bankarji ta' Josephine Camilleri mal-HSBC.*

*Tqis illi Josephine Camilleri f'qiegħ ta' sodda, bedridden, bil-ħarqa mhux mibdula għal sigħat twal, maqfula waħedha f'darha kemm billejl u għall-ħinijiet twal fil-ġurnata f'post imwarrab b'ebda ġirien ma jgħixu viċin tagħha f'ambjent fqir u li ma jirriflettix il-ġid li kellha, ċertament dakollu juri li hija kienet persuna vulnerabbli għall-aħħar li kemm qabel u anki fil-ħin li għamlet it-testment, ma kinitx kapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Ix-xhieda ċertament indipendenti mill-partijiet ta' Rita Farrugia u John Galea, uffiċjali mis-sezzjoni tal-frodi tal-HSBC, jikkonfermaw li meta marru d-dar tat-testatriċi biex jistaqsuha għalfejn kienu nġibdu eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tagħha, din mhux biss ma kinitx kapaċi twieġeb imma lanqas kellha l-iċken ħjiel ta' kemm kienu nġibdu flus mill-kontijiet bankarji tagħha u ta' x'bilanċi kien fadal fil-kontijiet tagħha. L-unika ħaġa li għarrfet tgħid Josephine Camilleri lill-uffiċjali tal-HSBC kienet illi n-neputija Josephine Saliba li kellha prokura tagħha, kienet tieħu ħsieb kollox hi.*

*Mhux biss t-testatriċi fil-ħin tat-testment ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha, imma lanqas Josephine Saliba, il-persuna li fdatha*

*bil-prokura tagħha, assolutament ma kinitx qed tieħu ħsieb sew ta' ħwejjeġ l-anzjana, bl-iżbanki ta' eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tagħha mingħajr ebda spjegazzjoni konvinċenti, meta l-iskop tal-prokura suppost kien biex issarfilha l-pensjoni. Evidentement Josephine Saliba ħadet vantaġġ u abbużat mill vulnerabbilità tal-anzjana Josephine Camilleri billi ppruvat kemm setgħet tiżolaha mill-bqija tal-familja biex din issir aktar dipendenti fuqha, ħallietha kkalzrata f'sodda bedridden flok ħadet ħsieb il-kura xierqa tagħha, u wara li żbankat eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tal-anzjana, u wara li bank beda jinvestiga it-transazzjonijiet suspettużi tagħha, għaddiet għall-'plan B' fejn tiżgura li l-anzjana tħallilha ġidha kollu bit-testment.*

*Tqis illi l-konvenuta Josephine Saliba meta mitluba mill-uffiċjali tal-bank tispjega għalfejn ġew żbankati dawk l-ammonti kbar mill-kontijiet bankarji ta' Josephine Camilleri, mhux biss ma tatx tweġibiet konvinċenti, imma r-risposti tagħha kienu wkoll kontradittorji u inverosimili. Lanqas ħaġa li kellha tagħmel il-konvenuta biex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha illi z-zija kienet tagħmel donazzjonijiet lill-Arċipriet taż-Żejtun għat-tiswija ta' xi kampnar jew saqaf tal-Knisja u lid-Dar tal-Providenza, kien li tippreżenta l-irċevuti ta' dawn id-donazzjonijiet jew li ttella' lill-Arċipriet jew lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza biex jikkonferma dawn id-donazzjonijiet, xi ħaġa li naqset milli tagħmel.*

*Tqis illi għall-finijiet tal-artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili dak li jrid jiġi ppruvat mhuwiex l-inkapaċità testamentarja tat-testatriċi minħabba li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qed tagħmel. Bl-emendi li saru għall-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 bl-Att II.2012.15, l-inkapaċità testamentarja tissussisti fejn jiġi ppruvat illi t-testatriċi fil-ħin tat-testment ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha minħabba xi diżordni mentali jew kundizzjoni oħra. Bl-emendi tal-2012 evidentement il-parametri għall-impunjazzjoni ta' testment minħabba inkapaċità testamentarja ġew estiżi biex titwessa' l-protezzjoni ta' persuni b'diżabilità.*

*Tqis illi mill-assjem tal-provi li ġew ippreżentati, ġie suffiċjentement ippruvat sal-grad illi trid il-liġi li t-testatriċi fil-ħin tat-testment li għamlet fit-13 ta' Mejju, 2014 kienet inkapaċi li tiddisponi b'testment għax kienet qed tbati minn diżordni mentali jew minn xi kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha.*";

3. Josephine Saliba (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u b'rikors imressaq minnha fis-27 ta' Ottubru, 2017, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbet lil din

il-Qorti sabiex: "*tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2017 billi tiċħad d-domandi tal-atturi u tgħaddi biex takkolji l-eċċezzjonijiet tal-intimata appellanti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati*";

4. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") laqgħu għal dan billi permezz ta' risposta mressqa minnhom fil-20 ta' Novembru, 2017, fissru għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u b'hekk l-appell tal-imħarrka għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, u wara li semgħet li l-avukati tal-partijiet ma kellhomx xi jżidu ma' dak li hemm fl-atti, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. B'din l-azzjoni l-atturi appellati, li jiġu l-qraba kemm tal-imħarrka Josephine Saliba kif ukoll tal-mejta Josephine Camilleri, qegħdin jattakkaw is-siwi tal-uniku testment li l-istess Josephine Camilleri għamlet fit-13 ta' Mejju, 2014, u dan fuq ir-raġuni li meta ġiet biex tagħmel dak it-testment, it-testatriċi: "*ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel*";

7. Min-naħa l-oħra, l-appellanti, li tiġi n-neputija tat-testatriċi, laqgħet għax-xiljiet taz-zijiet u l-kuġini tagħha billi, filwaqt li qieset it-talbiet tagħhom bħala mhux fondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, qalet li, f'kull każ, kien imiss lilhom li jippruvaw bil-mezz ta' fatti preċiżi u univoċi li, fil-waqt li sar it-testment attakkat, il-mejta Josephine Camilleri ma kinitx mentalment kapaċi li tagħmel dak it-testment u li tagħraf xi tniżżel f'dak l-att. Qalet ukoll li dawn il-provi għandhom ikunu b'tali mod li jkunu "*serji u rigorużi*" u msejsa fuq indizji gravi u mhux sempliċiment konġenturi jew suppożizzjonijiet;

8. Wara li l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi, l-appellanti Josephine Saliba qiegħda issa tressaq appell minn dik is-sentenza u dan fuq għadd ta' argumenti li ser ikunu qed jitfissru fil-qosor fil-paragrafi li jmiss;

9. L-appellanti tibda biex tirreferi għall-ewwel talba tal-atturi u targumenta li la dawn għażlu li jattakkaw it-testment tat-13 ta' Mejju, 2014 fuq ir-raġuni li t-testatriċi "*ma kinitx tipposjedi l-fakoltajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li kienet qed tagħmel*", allura l-kaptazzjoni, qerq jew abbuż fuq it-testatriċi kienu qed jiġu esklużi. Wara li tagħmel referenza għall-bosta sentenzi li fihom ġew imfissra l-

prinċipji li għandhom jitħarsu f'tilwimiet bħal dawn, l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti telqet fuq sieq ħażina u stħarrġet il-każ minn perspettiva żbaljata. B'sostenn ta' dan, tisħaq li r-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa fondamentalment ħażin billi, għaliex dehrilha li t-testatriċi ma kellhiex għarfien li hija kienet qed tiġbed xi flejjes bis-saħħa tal-prokura li kienet tatha t-testatriċi stess, mela allura dan kien ifisser li t-testatriċi ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha, kienet vulnerabbli, sfat vittma ta' abbuż, u konsegwentement ma kinitx kapaċi tagħmel testment. F'dan ir-rigward, tissottometti li l-Ewwel Qorti kellha tinfatam minn kwalunkwe prekonċett, li kull min huwa xiħ, vulnerabbli jew marid mhuwiex f'sensih, u targumenta li ħadd ma għandu jippreżumi l-inkapaċità testamentarja minħabba li għal xi żmien qabel ma jkun sar it-testment, seta' kien hemm xi ħabtiet li fihom it-testatriċi setgħet kienet fi stat li ma kinitx taf b'dak kollu li qed jiġri u jseħħ madwarha;

10. Iżżid li l-inkapaċità li persuna tagħmel testment trid tirreferi speċifikatament għall-mument li fih jiġi miktub it-testment, u f'dan is-sens tirreferi għaċ-ċertifikat tal-psikjatra Joseph Vella Baldacchino li nħareġ jum biss qabel it-testment attakkat u b'ħarsien tal-kriterji dwar il-kapaċità testamentarja kif misjuba fil-kotba tax-xjenza tal-psikjatrija. Targumenta li l-fatt waħdieni li dan il-psikjatra ma rnexxielux jiftakar id-dettalji speċifiċi tal-vista li għamel lit-testatriċi, ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti biex twarrab is-siwi ta' dak iċ-ċertifikat u dan għaliex iċ-ċertifikat innifsu dejjem

tqies bħalal prova b'saħħitha dwar il-kapaċità ta' persuna hija u tagħmel it-testment tagħha. Tissottometti li, minbarra ċ-ċertifikat tal-psikjatra, hemm ukoll ix-xhieda tan-nutar Anne Marie Tonna, li skond l-appellanti wriet li, fil-ħin li kien qiegħed isir it-testment, it-testatriċi kienet mentalment konxja ta' dak kollu li kienet qed tagħmel, tant li stqarret kif it-testatriċi ma kellhiex diffikultà li tiftakar x'kien jismu missierha, x'kien kunjomha bħala xebba u li tesprimi x-xewqa lil min riedet tħalli bħala l-werriet tagħha. L-appellanti tkompli targumenta li, fuq kollox, il-kapaċità mentali tat-testatriċi tinsab ukoll riflessa fir-raġonevolezza tal-unika dispożizzjoni testamentarja li tniżżlet fit-testment u tgħid li, f'dan ir-rigward, kemm in-nutar kif ukoll x-xhieda testamentarji qalu taħt ġurament li t-testatriċi kienet fissritilhom il-għaliex kienet qed tiddisponi minn ġidha b'dak il-mod;

11. F'dan il-qafas, l-appellanti tissottometti li huwa diffiċli ħafna li tniżżel bosta mill-kummenti tal-Ewwel Qorti bħal pereżempju li hija ħalliet lit-testatriċi "*ikkalzrata f'sodda bedridden*" u li għaddiet għall-pjan 'B' biex tiżgura li l-anzjana tħallilha ġidha kollu. Tgħid li jekk b'dan il-kumment aħħari l-Ewwel Qorti riedet tfisser li hija wettqet xi kaptazzjoni jew xi forma ta' pressjoni fuq zitha, allura l-Ewwel Qorti stess kienet qegħda tippreżumi l-kapaċità testamentarja ta' zitha u dan fuq is-saħħa ta' dak li ttenna bosta drabi fil-ġurisprudenza li: "*l-impunjazzjoni tat-testment minħabba kaptazzjoni jew suġġestjoni tippresupponi l-kapaċità tat-testatur u*

*għalhekk hi kontradittorja mal-impunjazzjoni minħabba inkapaċità mentali assoluta*"[3];

12. Tagħlaq billi tgħid li minn eżami sħiħ tal-provi li hemm fl-atti, l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li hija għal kollox differenti, u sewwasew għaliex ma tressqet l-ebda "*prova preċiża u univoka*" li, fil-waqt li kien qiegħed isir it-testment, it-testatriċi kienet qiegħda tbati minn xi "*diżordni mentali jew kundizzjoni oħra*", li fuq kollox, dik il-Qorti naqset milli tiddefinixxi jew tikkwalifika. Iżżid li apparti n-nuqqas ta' mobbiltà u forsi xi mard fiżiku marbut max-xjuħija, minn ebda prova fl-atti ma rriżulta li t-testatriċi kellha xi nuqqas fiżiku serju, mentali, intellettwali jew sensorju, li llimitaha milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà;

13. Il-Qorti, wara li għarblet dawn l-argumenti kollha tal-appellanti fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti, kif ukoll fil-qafas tas-sentenza appellata u s-sottomissjonijiet li tressqu mill-atturi appellati fir-risposta għall-appell, jidhrilha li appellanti għandha tassew biex tilmenta mill-konklużjonijiet milħuqa fis-sentenza appellata;

[3] ***Cachia v. Cachia et.,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili, fil-15 ta' Frar, 1957 (Kollez. Vol: **XLI.i.83**).

14. Bħala daħla, jixraq li jingħad mal-ewwel li "*skont il-ġurisprudenza tagħna, hemm preżunzjoni juris tantum illi: "kull min ikun għamel testment huwa kapaċi biex jiddisponi minn beni tiegħu; salv prova kuntrarja". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Giuseppe Formosa v. Giuseppa Axiak*** *deċiża fl-20 ta' Ġunju, 1938, u dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* **Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et** *deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2004)*"[4]. Huwa wkoll magħruf sewwa li din il-preżunzjoni m'għandhiex titwarrab faċilment u dan sakemm: "*l-inkapaċità ma tkunx tirriżulta b'mod ċert minn fatti preċiżi w univoċi w ma jkunx ġie provat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qed jagħmel it-testment*"[5];

15. Prinċipju daqstant ieħor importanti li huwa wkoll imnaqqax fil-ġurisprudenza huwa mbagħad li, meta jiġu biex jgħaddu għall-ġudizzju tagħhom, "*il-qrati superjuri jridu jimxu a bażi tal-kawżali kif imressqa għal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bażi ta' kawżali partikolari, mhux leċitu għall-parti jew għall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawżali. Kif intqal, per eżempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ* ***Azzopardi v. Azzopardi****, deċiża fil-31 ta' Jannar, 2003, "il-Qorti għandha toqgħod fuq il-kawżali u t-talba dedotta u xejn iżjed*"[6]. Tassew, joqgħod

[4] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Victoria Galea v. Mary Casingena et***., deċiża minn din il-Qorti kif illum komposta, fit-**23 ta' Novembru, 2020**. (App. Ċiv. 799/2006/1).
[5] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Joseph Vassallo et. v. Dr. Victor R. Sammut***, deċiża minn din il-Qorti fil-**24 ta' April, 1950** (Kollez. Vol. **XXXIV.i.108**.)
[6] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud,*** deċiża fil-**24 ta' Ġunju, 2011**. (App. Ċiv. Nru.

ukoll tajjeb ħafna għall-każ tallum dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Emanuel Farrugia v. Anthony Borg noe. et.*** u sewwasew li: "*[i]l-kawża trid timxi fuq il-binarji li jagħtuha l-partijiet u l-qorti ma tistax tvarja dawk il-binarji jew tmur 'at a tangent*'"[7];

16. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti tqis li, filwaqt li huwa minnu li bl-Att II tal-2012, il-leġislatur wessa' l-inkapaċità testamentarja lil hinn minn impedimenti ta' sura mentali, u dan billi f'paragrafu (d) tal-Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili l-kliem "*ma jkunx f'sensihom fiż-żmien tat-testment*" inbidel bil-kliem "*jkunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment*"[8], madanakollu, dan l-iżvilupp ftit jew xejn kellu jkollu effett fuq il-parametri ta' din il-kawża u dan għaliex minn kif jixhdu l-premessi tar-rikors maħluf tat-30 ta' Jannar, 2015, u aktar u aktar l-ewwel talba tal-istess rikors maħluf, l-atturi appellati sejsu l-kawża tagħhom fuq ir-raġuni li "*l-imsemmija Josephine Camilleri ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u dana minħabba li ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qed tagħmel*"[9].

---

156/2010/1). Ara wkoll b'eżempju: ***World Marketing Services Limited v. Lift Services Limited et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Jannar, 2022**. (App. Ċiv. Nru. 595/2002/1).

[7] Ara ***Emanuel Farrugia v. Anthony Borg noe. et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**30 ta' Ġunju, 2021**. (App. Ċiv. 293/2006/1).

[8] Ara paragrafu 15 tal-Att Nru. II tal-2012.

[9] Silta meħuda mill-ewwel talba tar-rikors maħluf tal-atturi, f'paġ. 2 tal-proċess. L-enfasi ġie miżjud minn din il-Qorti.

Għandu wkoll jingħad li, matul il-kawża, l-atturi appellati baqgħu sodi ma' din il-premessa tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom, bdew billi għal darb' oħra fissru li: "*l-esponenti mexxew għal impunjazzjoni tat-testment tal-mejta Josephine Camilleri fuq il-bażi li l-istess testatriċi ma kienitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u dana minħabba li ma kienitx tipposjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mill-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel u tiddisponi*"[10]. Hekk ukoll, meta ġew biex jagħlqu dik in-nota, reġgħu tennew li: "*[u]milment jiġi sottomess li mill-assjem tal-provi prodotti, Camilleri ma kellhiex l-intellett li tifhem dak li kienet qed tiddisponi fit-testment tagħha tant li rriżulta mis-suespost li d-dispożizzjonijiet fit-testment imorru kontra dak li dejjem sostniet Camilleri (li ma tridx tagħmel testment) u juru irraġonevolezza*"[11]. F'ċirkostanzi fejn il-parametri tal-kawża ġew imfissra b'mod daqstant ċari, l-Ewwel Qorti kienet għalhekk marbuta li tgħarbel il-provi u taqta' l-każ fid-dawl tal-impediment mentali allegat mill-atturi li, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhuwiex wiesgħa daqskemm huwa wiesgħa paragrafu (d) tal-Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili;

17. F'qafas bħal dan, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti għandha tassew raġun meta qed tilmenta li l-Ewwel Qorti stħarrġet din it-tilwima minn

[10] F'paġ. 322 tal-proċess.
[11] F'paġ. 348 tal-proċess.

perspettiva żbaljata. Filwaqt li dan huwa ċar mill-kunsiderazzjonijiet li tniżżlu minn paġna 23 'il quddiem tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma ħalliet l-ebda dubju dwar dan fl-aħħar żewġ paragrafi ta' qabel il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, u li fihom ingħad li:

> "***Tqis illi għall-finijiet tal-artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili dak li jrid jiġi ppruvat mhuwiex l-inkapaċità testamentarja tat-testatriċi minħabba li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qed tagħmel***. *Bl-emendi li saru għall-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 bl-Att II.2012.15, l-inkapaċità testamentarja tissussisti fejn jiġi ppruvat illi t-testatriċi fil-ħin tat-testment ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha minħabba xi diżordni mentali jew kundizzjoni oħra. Bl-emendi tal-2012 evidentement il-parametri għall-impunjazzjoni ta' testment minħabba inkapaċità testamentarja ġew estiżi biex titwessa' l-protezzjoni ta' persuni b'diżabilità.*
>
> *Tqis illi mill-assjem tal-provi li ġew ippreżentati, ġie suffiċjentement ippruvat sal-grad illi trid il-liġi li t-testatriċi fil-ħin tat-testment li għamlet fit-13 ta' Mejju, 2014 kienet inkapaċi li tiddisponi b'testment* ***għax kienet qed tbati minn diżordni mentali jew minn xi kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha***";

18. Filwaqt li fil-prinċipju din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li, għall-għanijiet tal-Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili, "*l-inkapaċità testamentarja tissussisti fejn jiġi ppruvat illi t-testatriċi fil-ħin tat-testment ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha minħabba xi diżordni mentali jew kundizzjoni oħra*", madanakollu għall-għanijiet ta' din it-tilwima, dak li l-Ewwel Qorti kellha tqis huwa biss jekk ġiex ippruvat li, fil-ħin tat-testment, it-testatriċi ma kellhiex il-kapaċità testamentarja "*minħabba li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qed tagħmel*";

19. F'dan il-qafas, biex l-Ewwel Qorti setgħet tqis jekk it-testatriċi kellhiex "*il-fakultajiet mentali rikjesti mill-liġi*", dik il-Qorti kellha qabel xejn tistħarreġ jekk fil-mument li tfassal it-testment li qed jiġi attakkat b'din il-kawża, it-testatriċi Josephine Camilleri kellhiex xi "diżordni mentali", hekk kif imfissra fl-'Att Dwar is-Saħħa Mentali' (il-Kap. 525 tal-Liġijiet ta' Malta)[12], jew inkella xi "kundizzjoni oħra" li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Dwar din tal-aħħar, l-Ewwel Qorti, ma kellhiex però r-riedni f'idejha li tqis it-tali frażi fil-parametri tat-tifsira wiesgħa li nsibu fl-Artikolu 189(4)(a) tal-istess Kodiċi[13] u li tirrifletti bl-eżatt it-tifsira li l-liġi tagħti ta' '*persuna b'diżabilità*' hekk kif imfissra fl-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[14]. Minflok, l-Ewwel Qorti kellha trażżan l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' "*nuqqas mentali*" jew "*nuqqas intellettwali*", u dan għaliex kif diġà tfisser aktar qabel, huwa fuq it-tali nuqqasijiet biss li l-inkapaċità testamentarja ta' Josephine Camilleri kienet qed tiġi pretiża mill-atturi

---

[12] Ara l-Artikolu 189(4)(b) tal-Kap. 16.

[13] L-Artikolu 189(4)(a) tal-Kap. 16, jaqra li: *"(4) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 597, 752, 1034, 1035, 1036 u 1241:(a) "kundizzjoni oħra", meta wżata fil-kuntest ta' kundizzjoni li tagħmel persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, tfisser nuqqas fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju għal żmien twil li flimkien ma' ostakoli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà b'mod ugwali daqs l-oħrajn".*

[14] Fl-ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, nsibu li: *"Persons with disabilities include those who have long-term physical, mental, intellectual or sensory impairments which in interaction with various barriers may hinder their full and effective participation in society on an equal basis with others".* Din id-definizzjoni hija parti mil-liġi Maltija bis-saħħa tal-Artikolu 2(1) tal-Kap. 627 u l-Artikolu 2 tal-Kap. 413, li jaqraw li: *""diżabilità" għandha tinftiehem skont dak stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni"* u li *""persuna b'diżabilità" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità",* rispettivament.

appellati. Fuq kollox, l-Ewwel Qorti kienet ukoll mistennija li tidentifika x'kienu sewwasew 'id-diżordni mentali' jew in-nuqqasijiet mentali u intellettwali, li skont dik il-Qorti wasslu lit-testatriċi sabiex titqies inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-mument li kien qed jitfassal it-testment tat-13 ta' Mejju 2014. Kif qed tgħid sewwa l-appellanti, is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija sajma dwar dan l-aspett u, fin-nuqqas ta' dan, it-talbiet tal-atturi ma kellhomx jintlaqgħu;

20. F'kull każ, din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-kunsiderazzjonijiet li fuq is-saħħa tagħhom l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li t-testatriċi ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin tat-testment. Qabel ma tibda biex tfisser għalfejn qed tgħid hekk, jixraq però li jingħad li l-frażi "*inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha*", għandha tingħata tifsira f'sens dejjaq kemm jista' jkun u dan għaliex, kif diġà ntqal, il-kapaċità testamentarja hija preżunta, filwaqt li l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni[15]. F'qafas bħal dan, il-Qorti jidhrilha li l-istess prinċipji ġurisprudenzjali li ilhom jiġu żviluppati għal għexieren tas-snin f'kawżi dwar l-impunjazzjoni ta' testmenti minħabba l-inkapaċità tat-testatur għandhom jgħoddu bis-sħiħ għall-għanijiet tal-provi li għandhom jitressqu biex Qorti tkun tista' tikkonkludi li, fil-ħin tat-testment, it-testatur ma kienx kapaċi li jieħu ħsieb ħwejġu. Sabiex it-testatur jitqies li ma kienx kapaċi li jieħu ħsieb ħwejġu fil-ħin tat-testment għandhom għalhekk jirriżultaw

[15] Ara paragrafu 14 ta' din is-sentenza.

indizji gravi u kull dubju għandu jmur favur il-kapaċità testamentarja tat-testatur u l-validità tat-testment. It-testatur m'għandux għalhekk jitqies li ma kienx kapaċi li jieħu ħsieb ħwejġu sakemm min ikun qiegħed jattakka t-testment ma jressaqx provi preċiżi, univoċi, u konklussivi dwar dan. Hekk ukoll, daqskemm it-testatur mhuwiex mistenni li jkun perfettament u rigorożomant san minn moħħu meta jiġi biex jagħmel testment[16], daqstant ieħor it-testatur m'għandux ikun mistenni li jieħu ħsieb ħwejġu bir-reqqa daqslikieku kien xi amministratur prim;

21. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti qieset il-frażi "*inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha*" minn perspettiva dejqa ħafna, u dan għaliex filwaqt li huwa minnu li mix-xhieda ta' Rita Sammut u John Galea, seta' deher li t-testatriċi ma kellhiex ħjiel ta' x'kien qed jiġri mill-flejjes li kellha fil-kontijiet mal-HSBC, madanakollu, din ma setgħetx raġonevolment titqies bħala prova tajba biżżejjed dwar l-inkapaċità tat-testatriċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Mix-xhieda ta' Rita Farrugia, li taħdem bħala *'Fraud and Investigation Manager'* mal-Bank HSBC u li marret tintervista lit-testatriċi f'Mejju 2014 u sewwasew ftit tal-ġranet qabel ma sar it-testment attakkat b'din il-kawża, jirriżulta li t-testatriċi mhux biss kienet taf li kellha l-flejjes mal-HSBC, iżda wkoll li hija kienet tat prokura lin-neputija tagħha dwar dawk l-istess flejjes. Kemm hu hekk, Rita

[16] Ara b'eżempju ***Margaraet Rossignaud et. v. Myriam Pellegrini et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**28 ta' Ġunju, 2018**, (App. Ċiv. Nru. 333/1994/4).

Farrugia tgħid li Josephine Camilleri: "*rrepetit li għandha n-neputija tagħha, Josephine Saliba li għandha prokura u tieħu ħsieb kollox hi*"[17]. Mill-istess xhieda, jirriżulta wkoll li minkejja li t-testatriċi stqarret li ma kinitx taf x'bilanċi kellha fil-kontijiet tal-HSBC u kemm kienu qed jinġibdu flus, mandanakollu din insistiet li "***tafda** u tħalli kollox f'idejn in-neputija li tieħu ħsiebha u li għandha l-prokura*"[18]. Kif tifhimha din il-Qorti, il-fatt li wieħed jagħżel li jafda l-amministrazzjoni ta' xi ġid, ikun xi jkun, f'idejn xi ħadd li jkun jafda fih b'għajnejh magħluqa, ma jistax jitqies bħala prova li dik il-persuna ma tkunx kapaċi li tieħu ħsieb it-tmexxija ta' ħwejjiġha. Irrispettivament minn jekk l-Ewwel Qorti kinitx moralment konvinta li Josephine Saliba kienet qed tabbuża mill-prokura, dan il-fatt waħdu ma setax iwassal lil dik il-Qorti għall-konklużjoni li l-konvenuta kienet ta' bilfors inkapaċi li tmexxi ħwejjiġha u dan għaliex żball fil-ġudizzju mhuwiex daqsinsew għall-inkapaċità li wieħed jamministra ħwejġu. Allaħares li kulmin seta' ġie b'xi mod jew ieħor tradut minn xi ħadd li kien jafda b'fiduċja għamja, jitqies li jbati minn xi kondizzjoni li twasslu biex ikun inkapaċi li jagħmel testment! Fuq kollox għandu jiġi wkoll osservat li l-uffiċjali tal-HSBC marru jkellmu lit-testatriċi qabel ma ħalliet lill-konvenuta bħala l-werrieta universali tagħha, u l-fatt waħdu li t-testatriċi xorta waħda għażlet li ftit tal-jiem wara tħalli bħala l-uniku werrieta

[17] Ara x-xhieda ta' Rita Sammut, f'paġna 241 tal-proċess.
[18] *Ibid*.

universali tagħha lill-appellanti juri li dak li l-Ewwel Qorti qieset bħala ‘abbuż’, seta’ ma kien abbuż xejn;

22. Hekk ukoll, il-fatt li fis-sena li fiha sar it-testment attakkat b’din il-kawża t-testatriċi (li dak iż-żmien kellha 84 sena) spiċċat tqatta’ ħafna mill-ħin tal-ġurnata fis-sodda u ma setgħetx toħroġ aktar mid-dar b’mod indipendenti, ma jfissirx li t-testatriċi ma kinitx kapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha fis-sens tal-Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq impediment fiżiku u mhux fuq wieħed mentali bħalma ġiet imsejsa fuqu l-kawża, din il-Qorti jidhrilha li l-fatt waħdieni li persuna jkollha bżonn l-għajuna fiżika ta’ xi ħadd biex tamministra ħwejjiġha u dan għaliex hija tkun tbati minn xi nuqqasjiet fiżiċi, ma jfissirx li dik il-persuna ma tkunx kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha jew li ma tistax tiddisponi minn ġidha b’testment. Li kieku ma kellux ikun hekk, kull persuna li tinsab rikoverata f’xi dar tax-xjuħ u li ma tistax toħroġ minn hemm b’mod indipendenti ma tistax tagħmel testment li jiswa! Fis-sewwa, żgur li dan ma kienx l-ispirtu tal-emedi li daħlu fis-seħħ bl-Att II tal-2012. Tabilħaqq, kien sewwasew għalhekk li l-leġislatur għażel li jdaħħal il-kwalifika “*li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom*”, u dan għaliex mhux kull persuna li tbati minn kondizzjonijiet mentali jew inkella li għandha xi forma ta’ diżabilità, bħal pereżempju nuqqas fiżiku

mhijiex kapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha.[19] Fuq kollox, u bħalma qed tgħid sewwa l-appellanti, lanqas ma nġabet xi prova konkreta li t-testatriċi kellha xi nuqqasijiet fiżiċi serji, għajr għal problemi ta' mobiltà li huma konsegwenza diretta tax-xjuħija;

23. Daqstant ieħor hija żbaljata l-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li għaliex it-testatriċi kienet tqatta' bosta ħin tal-ġurnata waħedha, f'dar li kienet fl-imwarrab u "*f'ambjent fqir li ma jirriflettix il-ġid li kellha*", juri li hija ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha. Kif mistqarr minn ħu t-testatriċi stess li huwa wkoll wieħed mill-atturi, "*dejjem kienet l-għażla*" tat-testatriċi li tibqa' tgħix f'dak ir-razzett qadim li trabbiet fih u baqgħet tgħammar fih flimkien ma' żewġha[20]. Jekk it-testatriċi kellha ħafna ġid, dan ma faqqasx mil-lum għal għada, u l-fatt li minkejja dak il-ġid kollu li kellha, hija xorta waħda għażlet li matul ħajjitha żżomm ir-razzett tagħha f'dak l-istat modest, ma juri xejn għajr, li anke meta kienet fiżikament f'saħħitha, it-testatriċi ma kinitx xi waħda minn dawk li tagħmel għall-kumdità, il-lussu jew ix-xinxilli. Filwaqt li dan diġà jgħid ħafna dwar il-karattru tat-testatriċi, il-Qorti tifhem ukoll li mhux kulħadd ikun lest li jinqata' minn għeruqu u li fl-aħħar snin ta' ħajtu jmur joqgħod f'xi ambjent ieħor, komdu kemm hu

[19] Ara b'eżempju l-minuti ta' laqgħa nru. 91 tal-Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjonijiet ta' L-Abbozzi Ta' Liġi, tal-Ħdax il-Parlament, li nżammet fl-1 ta' Frar, 2012. Pereżmpju f'paġna 2 tal-minuti, l-Onor. Chris Said ġie rapportat jgħid: *"**Mela aħna qed ngħidu li persuna li taqa' taħt din id-definizzjoni tkun persuna li għandha diżordni mentali jew diżabilità, però fiż-żewġ każijiet trid tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Il-qualifier ta' kollox, l-underlying concept wara ż-żewġ kunċetti ta' diżordni mentali jew diżabilità huwa li jrid ikun hemm il-kwalifika li dik il-persuna mhijiex kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha.**"*

[20] Ara l-affidavit ta' Vincent Saliba, f'paġna 22 tal-proċess.

komdu. Il-fatt innifsu li persuna ma tagħtix xi prijorità lill-kumdità u l-lussu, anke meta jkollha l-mezzi biex tgħix f'dak l-istat, ma jfissirx li dik il-persuna tkun inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha għall-għanijiet tal-imsemmi Artikolu 597 tal-Kodiċi;

24. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas ma hija xierqa l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenuta "*ħadet vantaġġ u abbużat mill-vulnerabiltà tat-testatriċi billi ppruvat kemm setgħet tiżolaha mill-bqija tal-familja biex din issir aktar dipendenti fuqha, ħallietha kkalzrata f'sodda bedridden flok ħadet ħsieb il-kura xierqa tagħha, u wara li żbankat eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tal-anzjana, u wara li bank beda jinvestiga it-transazzjonijiet suspettużi tagħha, għaddiet għall-'plan B'*". Kif qed tgħid sewwa l-appellanti, jekk xejn, din il-kunsiderazzjoni tal-aħħar setgħet tkun ta' relevanza li kieku l-atturi appellati sejsu l-każ tagħhom fuq xilja li hija differenti minn dik tal-inkapaċità testamentarja tat-testatriċi. F'dan il-każ, ix-xilja hi li hi, u l-Qorti setgħet tilqa' t-talbiet biss fil-qafas tal-provi li huma rilevanti għal dik ix-xilja, u xejn aktar. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-kliem iebes li ntuża min-naħa tal-Ewwel Qorti lejn l-istat li fih kienet qed tinżamm it-testatriċi lanqas ma huwa mistħoqq u dan għaliex, mid-dokumenti mediċi ta' meta ddaħlet ġewwa l-isptar fl-4 ta' Awwissu, 2014, jirriżulta li t-testatriċi kienet tidher "*well hydrated*", "*well kept*" u li saħansitra lanqas

kellha xi "*pressure sores*", liema ċirkostanzi huma sintomatiċi ma' persuni li jqattgħu ħinijiet twal fis-sodda[21], u mhux ta' persuni maħqura;

25. Fuq kollox, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti għandha wkoll raġun meta qed tgħid li l-atturi appellati ma rnexxielhomx jipprovaw il-każ tagħhom u sewwasew li t-testatriċi "*ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju, 2014, fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u dana minħabba li ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qegħda tagħmel*"[22]. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li waħda mill-aktar provi b'saħħithom dwar l-istat li fih ikun jinsab it-testatur fil-mument li jkun qiegħed jagħmel it-testment hija x-xhieda tan-nutar li quddiemu jkun sar dak it-testment u dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, huwa dan li jista' josserva l-imġiba tat-testatur fil-ħin li jħoll u jorbot kollox[23]. F'dan il-każ, in-nutar li quddiemha u bil-ministeru tagħha sar it-testment li wassal għal din it-tiwlima, mhux biss tressqet bħala xhud, iżda wkoll kienet kapaċi tiftakar b'ċertu dettal dak kollu li ġara fil-ħin li sar dan it-testment. Tassew, in-nutar Anne Marie Tonna xehdet li hekk kif daħlet ġewwa d-dar tat-testatriċi hija sabitha tistenniha bilqegħda fuq siġġu mal-mejda, u li kienet it-testatriċi stess li newlitilha ċ-ċertifikat tal-psikjatra kif ukoll l-karta tal-identità tagħha[24]. L-istess nutar,

---

[21] Ara l-*Medical Admission Proforma* tal-Isptar *Mater Dei*, f'paġna 109 *tergo* tal-proċess;
[22] Silta meħuda mill-ewwel talba tar-rikors maħluf, f'paġna 2 tal-proċess.
[23] Ara f'dan is-sens, ***Anthony Scicluna v Antonia Dalli,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**23 ta' Novembru, 2020**. (App. Ċiv. 619/2015/1).
[24] Ara x-xhieda tan-nutar Dr. Anne Marie Tonne, f'paġna 53 tal-proċess.

irrakkontat li f'dak l-istess ħin, it-testatriċi kienet kapaċi li tikkomunika tajjeb magħha tant li fissritilha li riedet tagħmel testment u li xtaqet tħalli bħala werrieta tagħha lin-neputija appellanti Josephine Saliba u dan għaliex kienet hi li ddur biha[25]. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li, matul dan il-proċess kollu li matulu t-testatriċi kienet waħedha, din kienet ukoll kapaċi tagħtiha d-dettalji personali tagħha, bħal isem missierha u kunjomha bħala xebba[26]. In-nutar fissret ukoll li wara li hija abbozzat it-testment kif dettat mit-testatriċi stess, hija kienet qrat it-testment lit-testatriċi u din wrietha li kienet qiegħda tifhem[27] u ffirmat it-testment waħedha u mingħajr problemi[28]. Ta' min jgħid ukoll li, għall-mistoqsija dwar jekk fil-mument li kien qed isir it-testment, it-testatriċi kinitx tatha xi ħjiel li kienet mentalment f'sikkitha, in-nutar wieġbet mal-ewwel fl-affermattiv, u fissret li minbarra li setgħet tosserva li t-testatriċi setgħet tikkomunika magħha mingħajr diffikultà, fl-aħħar mill-aħħar din kienet tatha ċertifikat maħruġ minn psikjatra li fi kliemha huwa: "*dettaljat u jgħidlek li saru diversi eżamijiet minnu, which was oriented to date, time, staqsiha mistoqsijiet fejn irrispondiet il-maġġoranza tagħhom, kienet taf l-ismijiet tar-relatives tagħha u allura sabha li għandha full testamentary capacity*"[29];

---

[25] *Ibid.*
[26] *Ibid*. f'paġna 55 u 56 tal-proċess.
[27] *Ibid.*
[28] *Ibid.* f'paġna 58 tal-proċess.
[29] *Ibid*. f'paġna 61 u 62 tal-proċess

26. Xieraq ukoll jiġi osservat li l-verżjoni tan-nutar Tonna mhux biss ma ġietx kontradetta minn xi xhud ieħor iżda hija saħansitra msaħħa kemm minn dak li xehdu x-xhieda li dehru fuq l-istess testment, kif ukoll b'dak li tniżżel fiċ-ċertifikat tal-psikjatra Dr. Vella Baldacchino, li kien mehmuż flimkien ma' dak l-istess testment. Pereżempju, x-xhud Dr. Melanie Cassar Darmanin, li nzertat li hija wkoll nutar, ikkorroborat dak li osservat in-nutar Tonna u kkonfermat li waqt li kien qed isir it-testment, it-testatriċi "*kienet tidher pjuttost normali*" u li "*jiena meta rajta bdejt ngħid din il-mara qed tifhem x'hinu jiġri. Kultant tispjegalhom u jkollhom dik il-ħarsa blank, hi ma kinitx hekk*"[30];

27. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam maċ-ċertifikat li kien mehmuż flimkien mat-testment[31], il-Qorti rat li minn dak iċ-ċertifikat jirriżulta li fil-jum ta' qabel ma sar it-testment, il-psikjatra Vella Baldacchino wettaq "*mental state examination*" fuq it-testatriċi Josephine Camilleri u dan sabiex jistħarreġ jekk din kinitx mogħnija bil-kapaċità testamentarja. F'dak iċ-ċertifikat, il-psikjatra fisser li matul dak l-eżami, huwa sab lit-testatriċi "*alert and orientated to time, place and person*", u filwaqt li osserva li hija kienet kapaċi li tirrispondi b'mod tajjeb u koerenti għall-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet li għamliha, b'mod partikolari innota wkoll li "*she was able to explain the significance of drafting a will. She was able to remember*

[30] Ara x-xhieda tan-Nutar Dr. Melanie Cassar Darmanin, mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' April, 2015, f'paġna 69 tal-proċess.
[31] Ara ċ-ċertifikat tal-Psikjatra Dr. Vella Baldacchino, f'paġna 7 tal-proċess.

*names of relatives and extent of her estate*”. Fl-aħħar nett, il-psikjatra Vella Baldacchino għalaq iċ-ċertifikat tiegħu billi niżżel li Josephine Camilleri “*was found to be free of any psychiatric illness that impairs her cognitive functioning. Her judgment and cognitive function were well preserved*”, u li fil-fehma tiegħu din kellha l-kapaċità testamentarja sħiħa;

28. Filwaqt li huwa minnu li meta ġie biex jixhed, il-psikjatra Vella Baldacchino ma kienx kapaċi jiftakar id-dettalji speċifiċi tal-vista li wettaq fuq it-testatriċi, madanakollu, dan ma jfissirx li dak li tniżżel minnu fiċ-ċertifikat ma jirrifilettix b’mod fidil dak li l-istess psikjatra wettaq u osserva fid-data mniżżla f’dak iċ-ċertifikat li, fuq kollox, l-istess psikjatra kkonferma bil-ġurament tiegħu waqt il-kontroeżami[32]. Għalkemm li mhuwiex xi prova li ma tistax tiġi kontestata, huwa mifhum li ċ-ċertifikat ta’ psikjatra jipprovdi prova b’saħħitha fl-eventwalità li jiġi kontestat it-testment fuq ir-raġuni tal-inkapaċità mentali tat-testatur[33]. Fil-fehma tal-Qorti, f’dan il-każ, l-atturi appellati ma ressqu l-ebda prova konkreta sabiex jirribattu l-fehmiet professjonali tal-psikjatra Vella Baldacchino, u għaldaqstant din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti żbaljat meta warrbet is-saħħa probatorja ta’ dan iċ-ċertifikat u dan fuq il-kunsiderazzjoni li l-psikjatra Vella Baldacchino ma setax jgħid jekk it-testatriċi kellhiex xi kundizzjoni li

[32] Ara l-kontroeżami li sar lill-psikjatra Dr.Vella Baldacchino waqt is-seduta tal-1 ta’ April 2006, f’paġna 172 tal-proċess.
[33] Ara f’dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta’ ***Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-**18 ta’ Lulju, 2017**, (App. Ċiv. 792/2002/1).

tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Kif intqal aktar kmieni, f'dan il-każ l-atturi appellati sejsu l-każ tagħhom fuq ix-xilja li t-testatriċi ma kinitx kapaċi tagħmel testment għaliex "*ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qegħda tagħmel*", u f'kuntest bħal dan, il-"*kundizzjoni oħra*" ma setgħet tkun xejn għajr waħda mentali jew intellettwali. Kif tifhimha din il-Qorti, iċ-ċertifikat tal-psikjatra Vella Baldacchino huwa wiesgħa biżżejjed biex jeskludi li t-testatriċi kienet tbati minn kundizzjonijiet bħal dawn, u għaldaqstant dan iċ-ċertifikat kien jistħoqqlu li jingħata ħafna aktar piż;

29. Marbut sfiq ma' dak li għadu kif jintqal, jixraq ukoll li jingħad li l-osservazzjonijiet li tniżżlu mill-psikjatra Vella Baldacchino jsibu wkoll sulliev fil-kotba tal-psikjatrija. Pereżempju fil-ktieb '*Shorter Oxford Textbook of Psychiatry',* ippublikat mill-istamperija tal-Università ta' Oxford, l-awturi Cowen, Harrison u Burns jiktbu li:

> "*In order to decide whether the testator is of sound disposing mind, the doctor should decide whether the person making the will:*
>
> *understands what a will is and its consequences*
>
> *knows the nature and extent of his property (although not in detail)*
>
> *knows the names of close relatives and can assess their claims to his property*
>
> *is free from an abnormal state of mind that might distort feelings or judgments relevant to making the will (a deluded*

> *person may legitimately make a will, provided that the delusions are unlikely to influence it*"[34];

Fil-fehma tal-Qorti, ċ-ċertifikat tal-psikjatra jolqot il-likk f'dawn l-erba' kriterji, u għalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni siewja għalfejn m'għandhiex tistrieħ fuq dan iċ-ċertifikat, li fl-aħħar mill-aħħar, sar minn professjonist kwalifikat fil-qasam mediku relevanti;

30. Filwaqt li dak kollu li għadu kif ġie osservat kellu jitqies biżżejjed biex iġib fix-xejn il-pretensjonijiet tal-atturi appellati, f'kull każ, il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellati meta qed jibqgħu jinsistu bil-ħrara li l-inkapaċità mentali tat-testatriċi tidher mill-irraġonevolezza tad-dispożizzjonijiet li tniżżlu fit-testment tat-13 ta' Mejju, 2014. Kulma fih it-testment attakkat b'din il-kawża huma żewġ klawsoli: l-ewwel waħda li hija komuni għall-parti l-kbira tat-testmenti u li fiha jingħad li t-testatriċi riedet li l-wirt tagħha jiġi regolat b'dak it-testment biss, u l-oħra li fiha ħalliet bħala l-werrieta waħdanija u universali tagħha u propjetarja assoluta ta' ġidha kollu lin-neputija tagħha Josephine Saliba, li hija l-konvenuta appellanti f'din il-kawża. Filwaqt li din il-Qorti ma tara xejn li huwa illoġiku jew kontradittorju f'dawn iż-żewġ artikoli, f'kull każ, il-Qorti jidhrilha li lanqas ma jista' jingħad li ma kien hemm l-ebda raġuni siewja għalfejn it-testatriċi għażlet li tħalli ġidha kollu lin-neputija tagħha. Fil-fatt in-nutar Cassar Darmanin, li kienet preżenti waqt it-testment fil-kapaċità

[34] P. Cowen, P. Harrison, T. Burns, '*Shorter Oxford Textbook of Psychiatry*', is-sitt edizzjoni, Oxford University Press, paġna 81.

tagħha bħala waħda mix-xhieda, irrakkontat li t-testatriċi stess kienet fissritilhom li r-raġuni għalfejn xtaqet tħalli kollox lin-neputija tagħha kienet "*għax lilha sabet, kienet issajrilha l-ikel u kollox, kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha*"[35]. Il-Qorti ma ssib xejn illoġiku f'dan il-ħsieb, u dan għaliex anke li kieku l-appellati qed jgħidu s-sewwa li t-testatriċi kellha oriġinarjament il-ħsieb li tmut intestata sabiex tħalli b'werrieta tagħha lill-qraba tagħha b'mod indaqs, fl-aħħar mill-aħħar, ma hemm xejn straordinarju fil-fatt li t-testatriċi, li kienet armla u bla tfal, bidlet fehemitha u għażlet li tħalli ġidha kollu lil min kien qiegħed jieħu ħsiebha u jagħmlilha l-aktar differenza f'ħajjitha fl-aktar żmien kritiku ta' ħajjitha;

31. Biex ikun ingħad kollox, huwa wkoll relevanti l-fatt li f'dan il-każ, daqskemm l-atturi appellati ma rnexxilhomx jippruvaw li t-testatriċi ma kinitx mentalment f'sikkitha fil-ħin tat-testment, daqstant ieħor ma rnexxilhomx jippruvaw fil-konkret li t-testatriċi kienet qed tbati minn xi diżordni jew kondizzjoni mentali fi żmien viċin ta' qabel jew wara li sar it-testment. Pereżempju, fil-fajls mediċi tat-testatriċi, mhux talli ma hemm l-ebda tagħrif li t-testatriċi kienet tbati minn xi problemi psikjatriċi[36], anzi għall-kuntrarju jidher li anke fil-ġimgħat ta' qabel mewtha, din kienet fi stat ta' "*alert and orientated*",[37] tant li fin-*'Neuroligical Examination – Glasgow*

---

[35] Ara x-xhieda tan-nutar Dr. Melanie Cassar Darmanin, mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' April, 2015, f'paġna 66 tal-proċess.
[36] Ara l-kontroeżami ta' Norma Baldacchino, li sar waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju, 2015, f'paġna 96 tal-proċess.
[37] Ara paġna 105 u 108 tal-proċess.

*Coma Scale',* it-testatriċi tellgħet il-massimu tal-punteġġ possibli kemm fl-'*eye-opening*', '*movement*' u '*verbal*'.[38] Tajjeb ukoll li jiġi osservat li mid-dokument intestat "*Ticket of Referral to the A&E Department*", li mtela u jġib il-firma tat-tabib Tonio Xuereb tal-4 ta' Awwissu, 2014, jidher li anke f'dak iż-żmien, it-testatriċi ma kinitx tbati minn xi kundizzonijiet mediċi, tant li dak l-istess tabib iddokumenta li t-testatriċi ma kienet tieħu l-ebda mediċini jew kura partikolari[39]. L-istess jgħodd għaż-żmien ta' qabel ma sar it-testment, fejn pereżempju minn ċertifikat tat-tabib Karl Causon jirriżulta li, fiż-żmien li fih it-testatriċi kienet għamlet il-prokura lill-appellanti, din kienet "*in a good state of health both physically and mentally*", u li, fil-fehma professjonali ta' dak it-tabib, it-testatriċi kienet "*fully capable of granting power of attorney and ...for a will*"[40];

32. Wara li qieset dan kollu, il-Qorti jidhirlha li, tħares minn fejn tħares, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-talbiet tal-atturi appellati, u għaldaqstant l-appell tal-mħarrka huwa tassew mistħoqq;

***Decide:***

33. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[38] Ara paġna 114 tal-proċess.
[39] Ara paġna 107 tal-proċess.
[40] Ara paġna 183 tal-proċess.

**tilqa' l-appell** ta' Josephine Saliba u b'hekk qiegħda **tħassar** għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 t'Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha ta' Josephine Saliba, tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi appellati, u dan **bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-istess atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da